ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 215

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

20 ta' Awwissu 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 834/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi** ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-oġġetti tal-ikel** ([1]) ..... 4

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 836/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene [benżo(a)piren] fl-oġġetti tal-ikel** ([1]) ..... 9

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 837/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet li tressqu fl-ewwel 7 ijiem ta' Awwissu 2011 skont il-kwota tariffarja għaċ-ċanga ta' kwalità għolja amministrata mir-Regolament (KE) Nru 620/2009 ..... 19

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: EUR 3**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2011/513/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Awwissu 2011 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5897)* . . . . . . . . . . 20

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 834/2011

**tad-19 ta' Awwissu 2011**

**li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali, iffirmata fil-11 ta' Settembru 1998 u approvata, f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106/KE [2].

(2) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu jiġi emendat sabiex titqies l-azzjoni regolatorja f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti sustanzi kimiċi skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [3], id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [4] u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE [5].

(3) Is-sustanzi etalfluralin, aċidu indolilaċetiku u tijobenkarb ma ġewx inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li dawk is-sustanzi attivi huma pprojbiti għall-użu bħala pestiċidi u għalhekk għandhom jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(4) Is-sustanza gważatina ma ġietx inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE u l-gważatina, li ssir referenza għaliha bħala triaċetat tal-gważatina, ma ġietx inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE bl-effett li s-sustanza gważatina hija pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u għalhekk għandha tiżdied mal-listi ta' sustanzi kimiċi li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Iż-żieda tal-gważatina mal-Anness I ġiet sospiża minħabba applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [6]. Din l-applikazzjoni l-ġdida ġiet irtirata mill-applikant bl-effett li r-raġuni għas-sospensjoni taż-żieda fl-Anness I ma baqgħetx valida. Għalhekk, is-sustanza gważatina għandha tiġi miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(5) Is-sustanza 1,3-dikloropropen ma ġietx inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li s-sustanza 1,3-dikloropropen hija pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u għalhekk għandha tiġi miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Iż-żieda tal-1,3-dikloropropen mal-Parti 2 tal-Anness I ġiet

[1] ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 63, 6.3.2003, p. 27.
[3] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[4] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[5] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[6] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

sospiża minħabba applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008. Din l-applikazzjoni l-ġdida għal darb'oħra rriżultat fid-deċiżjoni li s-sustanza 1,3-dikloropropen ma tiġix inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE bl-effett li 1,3-dikloropropen tibqa' pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u r-raġuni għas-sospensjoni taż-żieda mal-Parti 2 tal-Anness I ma baqgħetx valida. Għalhekk, is-sustanza 1,3-dikloropropen għandha tiġi miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(6) Is-sustanza alossifop-P ġiet inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li l-alossifop-P m'għadhiex ipprojbita għall-użu fil-pestiċidi. Konsegwentament is-sustanza attiva, li ssir referenza għaliha bħala alossifop-R, għandha titħassar mill-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(7) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għal-daqstant għandu jiġi emendat kif xieraq.

(8) Sabiex jitħalla biżżejjed żmien għall-Istati Membri u l-industrija biex jieħdu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi ddifferita.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) għandhom jiġu miżjuda l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Nru tal-CAS | Nru tal-Einecs | Kodiċi tan-NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Etalfluralin + | 55283-68-6 | 259-564-3 | 2921 43 00 | p(1) | b | |
| Gważatina + | 108173-90-6<br>115044-19-4 | 236-855-3 | 3808 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Aċidu indolilaċetiku + | 87-51-4 | 201-748-2 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| Tijobenkarb + | 28249-77-6 | 248-924-5 | 2930 20 00 | p(1) | b" | |

(b) l-entrata li ġejja titħassar:

| Sustanza kimika | Nru tal-CAS | Nru tal-Einecs | Kodiċi tan-NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Alossifop-R + (Ester tal-alossifop-P-metil) | 95977-29-0 (72619-32-0) | mhux applikabbli (406-250-0) | 2933 39 99 (2933 39 99) | p(1) | b" | |

(2) fil-Parti 2 għandhom jiġu miżjuda l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Nru tal-CAS | Nru tal-Einecs | Kodiċi tan-NM | Kategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) |
|---|---|---|---|---|---|
| "1,3-dikloropropen | 542-75-6 | 208-826-5 | 2903 29 00 | p | b |
| Etalfluralin | 55283-68-6 | 259-564-3 | 2921 43 00 | p | b |
| Gważatina | 108173-90-6<br>115044-19-4 | 236-855-3 | 3808 99 90 | p | b |
| Aċidu indolilaċetiku | 87-51-4 | 201-748-2 | 2933 99 80 | p | b |
| Tijobenkarb + | 28249-77-6 | 248-924-5 | 2930 20 00 | p | b" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 835/2011

## tad-19 ta' Awwissu 2011

## li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-oġġetti tal-ikel

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel [2] jistabbilixxi l-livelli massimi għall-benzo(a)pyrene f'varjetà ta' oġġetti tal-ikel.

(2) Benzo(a)pyrene jagħmel parti mill-grupp ta' idrokarburi poliċikliki aromatiċi (polycyclic aromatic hydrocarbons, PAH) u jintuża bħala markatur għall-okkurenza u l-effett ta' PAH karċinoġeniċi fl-ikel ibbażat fuq opinjoni xjentifika ta' dak li kien il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (Scientific Committee on Food, SCF) [3]. Fl-opinjoni tiegħu ta' Diċembru 2002, l-SCF issuġġerixxa l-ħtieġa ta' analiżi oħra tal-proporzjonijiet relattivi ta' dawn il-PAH fl-ikel għal reviżjoni futura dwar jekk il-benzo(a)pyrene hux addattat biex jinżamm bħala markatur jew le.

(3) Inġabret dejta ġdida dwar l-okkurenza ta' PAH karċinoġeniċi f'oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/108/KE [4]. Il-Kummissjoni staqsiet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (European Food Safety Authority, EFSA) biex tirrevedi l-opinjoni tal-SCF u tikkunsidra d-dejta ġdida dwar l-okkurenza, tagħrif xjentifiku ieħor ġdid li huwa rilevanti kif ukoll l-approċċ tal-Marġni tal-Esponiment (Margin of Exposure, MOE). Permezz ta' din ir-reviżjoni, l-EFSA ntalbet teżamina mill-ġdid jekk il-benzo(a)pyrene hux addattat biex jinżamm bħala markatur jew le.

(4) Il-Bord Xjentifiku dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari (il-Bord tal-CONTAM) tal-EFSA adotta opinjoni dwar l-Idrokarburi Poliċikliċi Aromatiċi fl-Ikel fid-9 ta' Ġunju 2008 [5]. F'din l-opinjoni l-EFSA kkonkludiet li l-benzo(a)pyrene mhuwiex markatur adattat għall-okkurenza ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-ikel u li sistema ta' erba' sustanzi speċifiċi (PAH4 [6]) jew tmien sustanzi speċifiċi (PAH8 [7]) tkun l-aktar indikatur addattat għal-PAH fl-ikel. L-EFSA kkonkludiet li sistema ta' tmien sustanzi (PAH8) ma toffriex wisq valur miżjud meta mqabbla ma' sistema ta' erba' sustanzi (PAH4).

(5) Barra minn hekk, il-Bord tal-CONTAM, permezz tal-approċċ tal-Marġni tal-Esponiment (MOE), ikkonkluda li hemm periklu baxx għas-saħħa tal-konsumatur fil-medja stmata tal-esponiment tad-dieta. Madankollu, għal konsumaturi ta' livell għoli l-MOE kien qrib l-10 000 jew inqas, li jindika periklu għoli għas-saħħa tal-konsumatur.

(6) Skont l-opinjoni tal-EFSA, is-sistema fis-seħħ tal-użu tal-benzo(a)pyrene bħala l-uniku markatur għall-grupp ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, ma tistax tinżamm. Għalhekk hemm il-ħtieġa ta' emenda tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(7) Għandhom ikunu introdotti livelli massimi ġodda għas-somma ta' erba' sustanzi (PAH4) (benzo(a)pyrene, benz(a)anthracene, benzo(b)fluoranthene u chrysene), filwaqt li jinżamm livell massimu separat għall-benzo(a)-pyrene.

(8) Din is-sistema tiżgura li l-livelli ta' PAH fl-ikel jinżammu f'livelli li ma joħolqux periklu għas-saħħa u li l-ammont ta' PAH jista' wkoll ikun ikkontrollat f'dawk il-kampjuni li fihom il-benzo(a)pyrene mhux osservat, imma fejn huma preżenti PAH oħrajn.

(9) Il-livell massimu separat ta' benzo(a)pyrene huwa miżmum biex ikun żgurat il-qbil ta' dejta preċedenti ma' dik futura. Wara xi żmien ta' implimentazzjoni ta' din l-emenda u abbażi ta' dejta ġdida li se tkun iġġenerata fil-futur, għandu jkun eżaminat mill-ġdid il-bżonn taż-żamma ta' livell massimu għall-benzo(a)pyrene.

[1] ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.
[2] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.
[3] Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel fuq ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem mill-Idrokarburi Poliċikliċi Aromatiċi fl-ikel (espressa fl-4 ta' Diċembru 2002) http://ec.europa.eu/food/fs/sc/scf/out153_en.pdf
[4] ĠU L 34, 8.2.2005, p. 43.
[5] *The EFSA Journal* (2008) 724, 1-114.
[6] Benzo(a)pyrene, Chrysene, Benz(a)anthracene, benzo(b)fluoranthene.
[7] Benzo(a)pyrene, Chrysene, Benz(a)anthracene, benzo(b)fluoranthene, benzo(k)fluoranthene, benzo(g,h,i)perylene, dibenz(a,h)anthracene and indeno(1,2,3-c,d)pyrene.

(10) Dwar is-somma tal-erba' sustanzi (PAH4), għandhom jintużaw limiti ta' konċentrazzjoni aktar baxxi bħala bażi għad-deċiżjonijiet ta' konformità.

(11) Il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi ma għandhomx ikunu perikolużi u għandhom jinżammu raġonevolment baxxi kemm jista' jkun (l-ALARA) u msejsa fuq prattiċi tajba tal-fabbrikazzjoni u tal-biedja u/jew is-sajd. Id-dejta l-ġdida dwar l-okkurenza tal-PAH turi li l-livelli fl-isfond ta' PAH f'xi oġġetti tal-ikel huma anqas minn dawk maħsuba. Il-livelli massimi ta' benzo(a)pyrene għalhekk ġew adattati biex jirriflettu livelli fl-isfond anqas kif ukoll aktar realistiċi f'molluski b'żewġ valvoli friski jew iffumigati.

(12) Dejta għal ħut iffumigat u laħam iffumigat uriet ukoll li huma possibbli livelli massimi aktar baxxi. Madankollu, f'xi każijiet jista' jkun hemm il-bżonn tal-adattament tat-teknoloġija għall-iffumigar li qed tintuża. Għalhekk, għandha tkun stabbilita proċedura b'żewġ stadji għal laħam iffumigat u ħut iffumigat li toffri transizzjoni ta' sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament qabel ma jibdew japplikaw il-livelli massimi aktar baxxi.

(13) Instab li sardin iffumigat u sardin iffumigat fil-bott kellu livelli ogħla ta' PAH minn ħut ieħor iffumigat. Għandhom ikunu stabbiliti livelli massimi speċifiċi għal sardin iffumigat u sardin iffumigat fil-bott biex juru dak li huwa possibbli f'dawn l-oġġetti tal-ikel.

(14) Qabel, livell massimu ta' benzo(a)pyrene fil-"laħam tal-muskoli tal-ħut, għajr ħut iffumigat" kien stabbilit bħala indikatur għat-tniġġiż ambjentali potenzjali. Madankollu, intwera li f'ħut frisk il-PAH jiġu metabolizzati malajr u ma jakkumulawx fil-laħam tal-muskoli. Għalhekk, iż-żamma ta' livell massimu ta' PAH f'ħut frisk ma għadhiex meħtieġa.

(15) Instabu livelli għoljin ta' PAH f'xi tipi ta' laħam ittrattati bis-sħana u prodotti tal-laħam ittrattat bis-sħana mibjugħin lill-konsumatur finali. Dawn il-livelli jistgħu jkunu evitati jekk jintużaw kundizzjonijiet ta' proċessar xierqa kif ukoll apparat adattat. Għalhekk ikun xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ta' PAH f'laħam u fi prodotti tal-laħam li jkunu għaddew minn proċess ta' trattament tas-sħana li huwa magħruf li potenzjalment jirriżulta fil-formazzjoni ta' PAH, jiġifieri xiwi jew barbecue biss.

(16) Il-butir tal-kakaw kien temporanjament eżenti mil-livell massimu fis-seħħ għal benzo(a)pyrene fi żjut u xaħmijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 u sal-1 ta' April 2007 kienet imbassra reviżjoni tal-ħtieġa li jkun iffissat livell massimu ta' PAH għall-butir tal-kawkaw. Ir-reviżjoni mbagħad ġiet posposta u r-riżultat tal-eżami xjentifiku tal-EFSA dwar il-PAH li kien qed isseħħ dak iż-żmien ġie sospiż.

(17) Il-butir tal-kawkaw fih livelli ogħla ta' PAH minn żjut u xaħmijiet oħra. Dan jiġri primarjament minħabba t-tnixxif b'mod mhux adattat taż-żerriegħa tal-kawkaw u l-fatt li l-butir tal-kawkaw ma jistax jiġi raffinat bħal żjut u xaħmijiet oħra veġetali. Il-butir tal-kawkaw huwa l-element prinċipali tal-prodotti tal-kawkaw mhux ipproċessati (eż. żerriegħa tal-kawkaw, żerriegħa tal-kawkaw nejja u pproċessata (cocoa mass), żerriegħa tal-kawkaw imneħħija minn ġol-qoxra (cocoa nibs) jew likur tal-kawkaw) u jinstab fiċ-ċikkulata u prodotti oħra tal-kawkaw li spiss jikkunsmaw it-tfal. B'hekk dan jikkontribwixxi għall-esponiment tal-bniedem, partikolarment għall-esponiment tat-tfal. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti livelli massimi għal PAH fiż-żerriegħa tal-kawkaw u fil-prodotti tagħha, għaldaqstant inkluż il-butir tal-kawkaw.

(18) Il-livelli massimi ta' PAH fiż-żerriegħa tal-kawkaw għandhom ikunu stabbiliti f'livelli kemm jista' jkun baxxi b'kunsiderazzjoni għall-possibiltajiet teknoloġiċi kurrenti fil-pajjiżi li jipproduċu. Huma għandhom ikunu stabbiliti abbażi tax-xaħam minħabba l-konċentrazzjoni ta' PAH fil-frazzjoni tax-xaħam, il-butir tal-kawkaw. Biex jippermettu li l-pajjiżi produtturi jagħmlu t-titjib teknoloġiku biex jadattaw għal dawn il-livelli massimi, id-data tal-applikazzjoni tal-livelli massimi għaż-żerriegħa tal-kawkaw u l-prodotti tagħha għandha tkun differita. Barra minn hekk, inizjalment, għal dawn il-prodotti għandu japplika livell massimu ogħla għas-somma tal-erba' sustanzi. Wara perjodu tranżitorju ta' sentejn għandu japplika livell massimu aktar baxx. Il-livelli ta' PAH fiż-żerriegħa tal-kawkaw u l-prodotti tagħha għandhom ikunu ċċekkjati regolarment bil-ħsieb li tiġi evalwata l-possibiltà li l-livelli massimi jitnaqqsu aktar.

(19) Dejta uriet li ż-żejt tal-ġewż tal-Indi jista' jkollu ammonti ogħla ta' PAH4 minn żjut u xaħmijiet veġetali oħra. Dan huwa minħabba l-preżenza proporzjonalment għolja ta' benz(a)anthracene u chrysene li ma jistgħux jitneħħew faċilment waqt ir-raffinar taż-żejt tal-ġewż tal-Indi. Il-livelli massimi speċifiċi ta' PAH fiż-żerriegħa tal-ġewż tal-Indi għalhekk għandhom ikunu stabbiliti f'livelli kemm jista' jkun baxxi b'kunsiderazzjoni għall-possibiltajiet teknoloġiċi attwali tal-pajjiżi produtturi. Peress li fil-pajjiżi produtturi huwa mistenni titjib teknoloġiku, il-livelli ta' PAH fiż-żejt tal-ġewż tal-Indi għandhom ikunu ċċekkjati regolarment bil-ħsieb li tiġi evalwata l-possibiltà li fil-futur ikunu stabbiliti livelli aktar baxxi.

(20) Dejta attwali dwar l-okkurenza ta' PAH f'ċereali u ħxejjex hija limitata. Id-dejta disponibbli tindika li ċ-ċereali u l-ħxejjex fihom livelli pjuttost baxxi ta' PAH. Il-livelli baxxi li bħalissa jidhru fid-dejta ta' okkurenza disponibbli ma jiġġustifikawx l-iffissar immedjat ta' livelli massimi. Madankollu, l-EFSA identifikat iċ-ċereali u l-ħxejjex bħala kontributuri importanti għall-esponiment tal-bniedem minħabba l-konsum għoli tagħhom. Għalhekk għandhom ikunu ċċekkjati aktar il-livelli ta' PAH f'dawn iż-żewġ prodotti. Abbażi ta' aktar dejta, għandha tiġi evalwata l-ħtieġa tal-iffissar ta' livelli massimi.

(21) Instabu livelli għoljin ta' PAH f'xi supplimenti tal-ikel. Madankollu, il-livelli huma varjabbli u jiddependu mit-tip speċifiku ta' suppliment tal-ikel. Hemm il-ħtieġa u għandha tinġabar aktar dejta dwar supplimenti tal-ikel. Kemm-il darba din id-dejta ssir disponibbli, tkun evalwata l-ħtieġa li jkunu ffissati livelli massimi ta' PAH f'supplimenti tal-ikel.

(22) L-Istati Membri u l-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jingħataw żmien biex jadattaw għal-livelli massimi stabbiliti b'dan ir-Regolament. Id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għalhekk għandha tkun differita. Għandu jingħata perjodu tranżitorju għall-prodotti diġà mqegħdin fis-suq qabel l-applikazzjoni tal-emendi introdotti b'dan ir-Regolament.

(23) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu jiġi emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. Oġġetti tal-ikel li mhumiex konformi mal-livelli massimi applikabbli mill-1 ta' Settembru 2012 skont it-Taqsima 6 "*Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi*" tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, kif emendat permezz ta' dan ir-Regolament, li huma mqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' Settembru 2012, jistgħu jkomplu jinbigħu wara dik id-data sad-data ta' durabbiltà minima tagħhom jew id-data sa meta jridu jintużaw.

2. Oġġetti tal-ikel li mhumiex konformi mal-livelli massimi applikabbli mill-1 ta' Settembru 2014 skont il-punti 6.1.4 u 6.1.5 tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, kif emendati permezz ta' dan ir-Regolament, li huma mqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' Settembru 2014, jistgħu jkomplu jinbigħu wara dik id-data sad-data ta' durabbiltà minima tagħhom jew id-data sa meta jridu jintużaw.

3. Oġġetti tal-ikel li mhumiex konformi mal-livelli massimi applikabbli mill-1 ta' April 2013 skont il-punt 6.1.2 tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, kif emendat permezz ta' dan ir-Regolament, li huma mqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' April 2013, jistgħu jkomplu jinbigħu wara dik id-data sad-data ta' durabbiltà minima tagħhom jew id-data sa meta jridu jintużaw.

4. Oġġetti tal-ikel li mhumiex konformi mal-livelli massimi applikabbli mill-1 ta' April 2015 skont il-punt 6.1.2 tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, kif emendat permezz ta' dan ir-Regolament, li huma mqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' April 2015, jistgħu jkomplu jinbigħu wara dik id-data sad-data ta' durabbiltà minima tagħhom jew id-data sa meta jridu jintużaw.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Taqsima 6: *Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi* mibdula b'dan li ġej:

"Taqsima 6 *Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi*

| Oġġetti tal-ikel | | Livelli massimi (*μg/kg*) | |
|---|---|---|---|
| 6.1 | Benzo(a)pyrene, benz(a)anthracene, benzo(b)fluoranthene u chrysene | Benzo(a)pyrene | Is-somma ta' benzo(a)pyrene, benz(a)anthracene, benzo(b)fluoranthene u chrysene (45) |
| 6.1.1 | Żjut u xaħmijiet (għajr butir tal-kakaw, u żejt tal-ġewż tal-Indi) maħsubin għal-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel | 2,0 | 10,0 |
| 6.1.2 | Żerriegħa tal-kawkaw u prodotti derivattivi | 5,0 μg/kg xaħam mill-1.4.2013 | 35,0 μg/kg xaħam mill-1.4.2013 sal- 31.3.2015<br>30,0 μg/kg xaħam mill-1.4.2015 |
| 6.1.3 | Żejt tal-ġewż tal-indi maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel | 2,0 | 20,0 |
| 6.1.4 | Laħam iffumigat u prodotti tal-laħam iffumigati | 5,0 sal-31.8.2014<br>2,0 mill-1.9.2014 | 30,0 mill-1.9.2012 sal-31.8.2014<br>12,0 mill-1.9.2014 |
| 6.1.5 | Laħam tal-muskoli ta' ħut iffumigat u prodotti mis-sajd iffumigati (25)(36), barra l-prodotti mis-sajd imsemmija fil-punti 6.1.6 u 6.1.7. Il-livell massimu għall-krustaċji ffumigati japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċi u ż-żaqq (44). Fil-każ ta' granċijiet u krustaċji simili għall-granċijiet (*Brachyura u Anomura*) dan japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċi. | 5,0 sal-31.8.2014<br>2,0 mill-1.9.2014 | 30,0 mill-1.9.2012 sal-31.8.2014<br>12,0 mill-1.9.2014 |
| 6.1.6 | Sardin iffumigat u sardin iffumigat fil-bott (25) (47) (*sprattus sprattus*); molluski bivalvi (friski, imkessħin jew iffriżati) (26); laħam ittrattat bis-sħana jew prodotti tal-laħam ittrattat bis-sħana (46) mibjugħin lill-konsumatur finali | 5,0 | 30,0 |
| 6.1.7 | Molluski bivalvi(36) (iffumigati) | 6,0 | 35,0 |
| 6.1.8 | Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar (3)(29) | 1,0 | 1,0 |
| 6.1.9 | Formula għat-trabi u formula għal dawk it-trabi li qabżu s-sitt xhur, inklużi l-ħalib tat-trabi u l-ħalib tat-trabi ta' iktar minn sitt xhur (8)(29) | 1,0 | 1,0 |

| Oġġetti tal-ikel | | Livelli massimi (μg/kg) | |
|---|---|---|---|
| 6.1.10 | Ikel tad-dieta għal raġunijiet mediċi speċjali (9)(29) maħsub speċifikament għat-trabi | 1,0 | 1,0 |

(45) Limiti ta' konċentrazzjoni aktar baxxi huma kkalkulati fuq il-premessa li l-valuri kollha tal-erba' sustanzi taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni huma żero.

(46) Laħam u prodotti tal-laħam li għaddew minn trattament tas-shana li potenzjalment jirriżulta fil-formazzjoni ta' PAH, jiġifieri xiwi jew barbecue biss.

(47) Għal prodotti fil-bott, l-analiżi għandha ssir fuq il-kontenut kollu tal-bott. Għandhom japplikaw l-Artikoli 2(1)(c) u 2(2) dwar il-livell massimu għall-prodott kompost shih."

(2) In-nota (35) ta' qiegħ il-paġna hija mħassra.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 836/2011

## tad-19 ta’ Awwissu 2011

## li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 li jistabbilixxi l-metodi ta’ teħid ta’ kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta’ livelli ta’ ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene [benżo(a)piren] fl-oġġetti tal-ikel

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [1], b’mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006, li jiffissa l-livelli massimi ta’ ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta’ l-ikel [2], stabbilixxa, *inter alia*, livelli massimi għall-kontaminant benzo(a)pyrene [benżo(a)piren].

(2) Il-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta’ l-Ikel (EFSA), fid-9 ta’ Ġunju 2008 adotta opinjoni fuq l-Idrokarburi Poliċikliċi Aromatiċi fl-Ikel [3]. L-EFSA kkonkludiet li l-benżo(a)piren mhuwiex indikatur adattat għall-okkorrenza ta’ idrokarburi poliċikliċi aromatiċi (PAH - polycyclic aromatic hydrocarbons) fl-ikel u li l-indikatur tal-PAH fl-ikel l-iktar adattat għandu jkun sistema ta’ erba’ sustanzi speċifiċi jew tmien sustanzi speċifiċi L-EFSA kkonkludiet ukoll li meta mqabbla ma’ sistema ta’ erba’ sustanzi, is-sistema ta’ tmien sustanzi ma tagħtix daqshekk żieda fil-valur.

(3) Konsegwentement ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 [4] emenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 sabiex jistabbilixxi livelli massimi għat-total ta’ erba’ idrokarburi poliċikliċi aromatiċi (benżo(a)piren, benż(a)antraċen, benżo(b)fluworoanten u krisen).

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 [5] jistabbilixxi kriterji tal-prestazzjoni analitika għall-benżo(a)piren biss. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kriterji tal-prestazzjoni analitika għat-tlett sustanzi l-oħra, li l-livelli massimi tagħhom huma issa stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(5) Il-Laboratorju ta’ Referenza għall-Idrokarburi Poliċikliċi Aromatiċi tal-Unjoni Ewopea (EU-RL PAH) flimkien mal-laboratorji ta’ referenza nazzjonali għamlu stħarriġ fuq il-laboratorji ta’ kontroll uffiċjali sabiex jeżaminaw liema kriterji tal-prestazzjoni analitika jistgħu jintlaħqu għall-benżo(a)piren, benż(a)antraċen, benżo(b)fluworoanten u krisen fil-matriċi rilevanti tal-ikel. Taqsira tar-riżultat tal-istħarriġ inħatat mill-EU-RL PAH fir-rapport fuq "Il-karatteristiċi tal-prestazzjoni ta’ metodi ta’ analiżi għad-determinazzjoni ta’ erba’ idrokarburi poliċikliċi aromatiċi fl-ikel" [6]. Ir-riżultati tal-istħarriġ juru li l-kriterji tal-prestazzjoni analitika applikabbli bħalissa għall-benżo(a)piren huma adattati ukoll għat-tlett sustanzi l-oħra.

(6) L-esperjenza miksuba waqt l-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 333/2007 ħarġet li f’ċerti każi d-dispożizzjonijiet kurrenti dwar it-teħid ta’ kampjuni jistgħu jkunu imprattikabbli jew jistgħu jwasslu għal ħsara ekonomika mhux aċċettabbli lill-kampjuni. F’dawn il-każi għandu jitħalla li ssir devjazzjoni mill-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni jekk it-teħid tal-kampjuni jibqa’ rappreżentattiv biżżejjed tal-kampjuni u l-proċedura użata tkun dokumentata bis-sħiħ. Il-flessibiltà li ssir devjazzjoni mill-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni kienet teżisti diġà għat-teħid tal-kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut. Id-dispożizzjonijiet għat-teħid tal-kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandhom ikunu fl-istess linja mal-proċeduri ġenerali tat-teħid tal-kampjuni.

(7) Meta jittieħdu kampjuni għall-analiżi tal-PAH, hemm bżonn ta’ dispożizzjonijiet iktar dettaljati fir-rigward tal-materjal tar-reċipjenti tal-kampjuni. L-awtoritajiet tal-infurzar jużaw ħafna r-reċipjenti tal-plastik, iżda dawn mhumiex adattati meta t-teħid tal-kampjuni jkun għall-analiżi tal-PAH, għaliex dawn il-materjali jistgħu jbiddlu l-kontenut tal-PAH fil-kampjun.

(8) Hemm bżonn ta’ kjarifika għal xi aspetti tal-ħiġijiet speċifiċi tal-metodi analitiċi, b’mod partikolari l-ħtiġijiet dwar l-użu tal-kriterji tal-prestazzjoni u l-metodu "adekwatezza għall-fini". Barra minn hekk, il-preżentazzjoni tat-tabelli bil-kriterji tal-prestazzjoni għandha tkun irranġata sabiex tidher iktar uniformi matul l-analiti kollha.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan. Iż-żewġ Regolamenti għandhom jiġu applikati fl-istess ġurnata, minħabba li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 u dan ir-Regolament għandhom x’jaqsmu flimkien.

---

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.
[3] The EFSA Journal (2008) 724, p. 1.
[4] Ara paġna 4 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[5] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29.
[6] Ir-Rapport JRC 59046, 2010.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa mibdul b'li ġej:

"Ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u idrokarburi poliċikliċi aromatiċi fl-oġġetti ta' l-ikel**".

(2) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u idrokarburi poliċikliċi aromatiċi (PAH) elenkati fit-taqsimiet 3, 4 u 6 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandhom isiru skont l-Anness ma' dan ir-Regolament."

(3) L-Anness huwa emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt B.1.7. "Ippakkjar u transmissjoni tal-kampjuni", it-tieni paragrafu li ġej huwa miżjud:

"Reċipjenti tal-plastik għandhom jiġu evitati fejn possibbli fil-każ ta' teħid ta' kampjuni għall-analiżi tal-PAH għax jistgħu jbiddlu l-kontenut tal-PAH fil-kampjun. Fejn possibbli għandhom jintużaw reċipjenti tal-ħġieġ ħielsa mill-PAH, inerti, li jipproteġu b'mod xieraq il-kampjun mid-dawl. Meta dan ikun prattikament impossibbli, għandu tal-inqas jiġi evitat kuntatt dirett tal-kampjun mal-plastiks, eżempju fil-każ ta' kampjuni solidi, billi l-kampjun jiġi mgeżwer ġo fojl tal-aluminju qabel ma jitpoġġa fir-reċipjent tal-kampjun."

(2) Il-punti B.2, u B.3 huma mibdulin b'li ġej:

"B.2 IL-PJANIJIET GĦAT-TEĦID TAL-KAMPJUNI

B.2.1 **Tqassim ta' lottijiet f'sublottijiet**

Lottijiet kbar ħafna għandhom jitqassmu f'sublottijiet, bil-kondizzjoni li s-sublott ikun jista' jiġi sseparat fiżikament. Għall-prodotti li jinbiegħu f'konsenji bl-ingrossa (eżempju ċereali) għandha tapplika t-Tabella 1. Għall-prodotti l-oħra għandha tapplika t-Tabella 2. Jekk jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jaqbeż il-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

B.2.2. **In-numru ta' kampjuni inkrementali**

Il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas kilogramm jew litru ħlief fejn dan mhux possibbli, eżempju meta l-kampjun jikkonsisti f'pakkett jew unità waħda.

In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mis-sublott għandu jkun kif muri fit-Tabella 3.

Fil-każ ta' prodotti likwidi bl-ingrossa, il-lott jew is-sublott għandu jitħallat sew sakemm huwa possibbli u sakemm ma tiġix affettwata l-kwalità tal-prodott, immedjatament qabel il-teħid tal-kampjun permezz ta' mezzi manwali jew mekkaniċi. F'dan il-każ, wieħed jassumi tqassim omoġenju tal-kontaminanti fi ħdan lott jew sublott mogħti. Għaldaqstant huwa biżżejjed li jittieħdu tliet kampjuni inkrementali minn lott jew sublott sabiex jifformaw kampjun aggregat.

Il-kampjuni inkrimentali għandhom ikunu simili fil-piż/volum. Il-piż/volum ta' kampjun inkrementali għandu jkun ta' mill-inqas 100 gramma jew 100 millilitru, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' mill-inqas madwar kilogramm jew litru. Diskrepanza minn dan il-metodu għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru stabbilit taħt il-punt B.1.8 ta' dan l-Anness.

*Tabella 1*

**Tqassim tal-lottijiet f'sublottijiet għall-prodotti nnegozjati f'kunsinni bl-ingrossa**

| Piż tal-lott (tunnellata metrika) | Piż jew numru ta' sublottijiet |
|---|---|
| ≥ 1 500 | 500 tunnellati metriċi |
| > 300 u < 1 500 | tliet sublottijiet |
| ≥ 100 and ≤ 300 | 100 tunnellata metrika |
| < 100 | — |

*Tabella 2*

**Tqassim tal-lottijiet f'sublottijiet għall-prodotti oħrajn**

| Piż tal-lott (tunnellata metrika) | Piż jew numru ta' sublottijiet |
|---|---|
| ≥ 15 | 15-30 tunnellati metriċi |
| < 15 | — |

*Tabella 3*

**Numru minimu ta' kampjuni inkrimentali li għandhom jittieħdu mill-lott jew mis-sublott**

| Piż jew volum tal-lott/sublott (f'kilogrammi jew litri) | Numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu |
|---|---|
| < 50 | 3 |
| ≥ 50 u ≤ 500 | 5 |
| > 500 | 10 |

Jekk il-lott jew is-sublott ikun magħmul minn pakketti jew unitajiet individwali, in-numru ta' pakketti jew unitajiet li għandu jittieħed sabiex isir il-kampjun aggregat huwa mogħti fit-Tabella 4.

*Tabella 4*

**In-numru ta' pakketti jew unitajiet (kampjuni inkrimentali) li għandu jittieħed sabiex isir kampjun aggregat jekk il-lott jew is-sublott ikun magħmul minn pakketti jew unitajiet individwali**

| Numru ta' pakketti jew unitajiet fil-lott/sublott | Numru ta' pakketti jew unitajiet li għandu jittieħed |
|---|---|
| ≤ 25 | mill-inqas pakkett wieħed jew unità |
| 26-100 | madwar 5 %, mill-inqas żewġ pakketti jew unitajiet |
| > 100 | madwar 5 %, massimu ta' għaxar pakketti jew unitajiet |

Il-livelli massimi għal-landa inorganika jgħoddu għall-kontenut ta' kull bott, iżda minħabba raġunijiet prattiċi huwa meħtieġ li jintuża metodu aggregat ta' teħid ta' kampjuni. Jekk ir-riżultat tat-test għal kampjun aggregat tal-bottijiet ikun inqas minn iżda viċin tal-livell massimu tal-landa inorganika, u jekk ikun issuspettat li bottijiet individwali jistgħu jaqbżu l-livell massimu, allura jista' jkun meħtieġ li jsiru aktar investigazzjonijiet.

Fejn ma jkunx possibli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni stipulat f'dan il-kapitolu minħabba l-konsegwenzi kummerċjali mhux aċċettabbli (eżempju minħabba l-forom tal-pakketti, lott bil-ħsara, eċċ.) jew fejn huwa prattikament impossibbli li jiġi applikat il-metodu tat-teħid ta' kampjuni msemmi hawn fuq, jista' jiġi applikat metodu alternattiv tat-teħid ta' kampjuni jekk ikun hemm rappreżentazzjoni biżżejjed tal-kampjuni ta' lottijiet u sublottijiet u jkun dokumentat bis-sħiħ.

B.2.3. **Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-teħid ta' kampjuni ta' ħut kbir li jasal f'lottijiet kbar**

Fil-każ li l-lott jew is-sublott li jkun se jittieħidlu kampjun ikun fih ħut kbir (ħut individwali li jiżen iktar minn madwar kilogramm) u l-lott jew is-sublott jiżen iktar minn 500 kilogramm, il-kampjun inkrimentali għandu jkun magħmul mill-parti tan-nofs tal-ħuta. Kull kampjun inkrimentali għandu jiżen mill-inqas 100 gramma.

B.3. TEĦID TA' KAMPJUNI FL-ISTADJU TAL-BEJGĦ BL-IMNUT

It-teħid ta' kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-imnut għandu jsir meta jkun possibbli skont id-dispożizzjonijiet tat-teħid tal-kampjuni stipulati fil-punt B.2.2 ta' dan l-Anness.

Fejn ma jkunx possibli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni stipulat fil-punt B.2.2 minħabba l-konsegwenzi kummerċjali mhux aċċettabbli (eżempju minħabba l-forom tal-pakketti, lott bil-ħsara, eċċ.) jew fejn huwa prattikament impossibbli li jiġi applikat il-metodu tat-teħid ta' kampjuni msemmi hawn fuq, jista' jiġi applikat metodu alternattiv tat-teħid ta' kampjuni jekk ikun hemm rappreżentazzjoni biżżejjed tal-kampjuni ta' lottijiet u sublottijiet u jkun dokumentat bis-sħiħ."

(3) Fl-ewwel paragrafu tal-punt C.1 In-nota 1 f'qiegħ il-paġna "Livelli ta' Kwalità tal-Laboratorju" hija mħassra.

(4) Fil-punt C.2.2.1 "Proċeduri speċifiċi għaċ-ċomb, kadmju, merkurju u landa inorganika", it-tieni paragrafu huwa mibdul b'li ġej:

"Hemm ħafna proċeduri speċifiċi sodisfaċenti ta' tħejjija tal-kampjuni li jistgħu jintużaw għall-prodotti taħt konsiderazzjoni. Għal dawk l-aspetti li mhumiex koperti speċifikament b'dan ir-Regolament, l-istandard CEN 'Oġġetti tal-ikel - Determinazzjoni ta' elementi ta' traċċa - Kriterji tal-prestazzjoni, konsiderazzjonijiet ġenerali u preparazzjoni tal-kampjun'[(1)] instab li huwa sodisfaċenti iżda metodi ta' preparazzjoni tal-kampjun oħra jistgħu ikunu validi l-istess."

(5) Il-punt C.2.2.2 huwa mibdul b'li ġej:

"C.2.2.2 Proċeduri speċifiċi għall-idrokarburi poliċikliċi aromatiċi

L-analista għandu jiżgura li l-kampjuni ma jiġux ikkontaminati waqt it-tħejjija tal-kampjuni. Qabel l-użu, ir-reċipjenti għandhom jitlaħalħu b'aċetun għoli fil-purezza jew eżan sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni. Meta jkun possibbli, l-apparat u t-tagħmir li jiġi f'kuntatt mal-kampjun għandu jkun magħmul minn materjali inerti bħal aluminju, ħġieġ jew azzar li ma jissaddadx illustrat. Plastiks bħal polipropilen jew PTFE għandhom jiġu evitati, minħabba li l-analiti jistgħu jiġu assorbit minn dawn il-materjali."

(6) Il-Punt C.3.1 "Definizzjonijiet" huwa emendat kif ġej:

(a) id-definizzjoni ta' "HORRAT$_r$" hija mibdula b'li ġej:

"HORRAT (*)$_r$ = L-RSD$_r$ osservat diviż bil-valur tal-RSD$_r$ stmat mill-ekwazzjoni (irranġata) ta' Horwitz (**) (cf. punt C.3.3.1 ('Noti għall-kriterji tal-prestazzjoni')) bl-użu tal-ipotesi r = 0,66 R.

(*) Horwitz W. u Albert. R., 2006, The Horwitz Ratio (HorRat): A useful Index of Method Performance with respect to Precision, Journal of AOAC International, Vol. 89, 1095-1109.
(**) M. Thompson, Analyst, 2000, p. 125 u 385-386."

(b) id-definizzjoni ta' "HORRAT$_r$" hija mibdula b'li ġej:

"HORRAT (*)$_R$ = HORRAT$_r$ = L-RSD$_R$ osservat diviż bil-valur tal-RSD$_R$ stmat mill-ekwazzjoni (irranġata) ta' Horwitz (**) (cf. point C.3.3.1 ('Notes to the performance criteria')).

(*) Horwitz W. u Albert. R., 2006, The Horwitz Ratio (HorRat): A useful Index of Method Performance with respect to Precision, Journal of AOAC International, Vol. 89, 1095-1109.
(**) M. Thompson, Analyst, 2000, p. 125 u 385-386."

(c) id-definizzjoni ta' "u" hija mibdula b'li ġej:

'u = Inċertezza ta' kejl standard magħquda, miksuba bl-użu ta' inċertezzi ta' kejl standard individwali assoċjati mal-kwantitajiet tad-dħul fil-mudell tal-kejl (*)

(*) International vocabulary of metrology – Basic and general concepts and associated terms (VIM), JCGM 200:2008.'

(7) Il-Punt C.3.2 huwa mibdul b'li ġej:

"C.3.2. **Rekwiżiti ġenerali**

Il-metodi ta analiżi użati għal raġunijiet ta' kontroll tal-ikel għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Il-metodi għall-analiżi tal-landa totali huma xierqa għall-kontrolli fuq il-livelli tal-landa inorganika.

Il-metodi stabbiliti mill-OIV (*) skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 (**) japplikaw għall-analiżi taċ-ċomb fl-inbid.

(*) Organisation Internationale de la Vigne et du Vin.
(**) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 3/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 (ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1)."

(8) Il-Punt C.3.3.1 huwa mibdul b'li ġej:

"C.3.3.1. Kriterji tal-prestazzjoni

Fejn fil-livell tal-Unjoni Ewropea ma jkunx hemm preskritti metodi speċifiċi għad-determinazzjoni ta' kontaminanti fil-prodotti tal-ikel, il-laboratorji jistgħu jagħżlu kwalunkwe metodu ta' analiżi vvalidat għall-matriċi rispettiva, jekk il-metodu magħżul jilħaq il-kriterji tal-prestazzjoni speċifiċi stipulati fit-tabelli 5, 6 u 7.

Huwa rakkomandat li l-metodi vvalidati bis-sħiħ (jiġifieri l-metodi vvalidati mill-proċess ta' kollaborazzjoni għall-matriċi rispettiva) jiġu użati fejn xieraq u fejn disponibbli. Metodi xierqa oħra vvalidati (eżempju metodi għall-matriċi rispettiva vvalidati internament) jistgħu jiġu użati jekk jissodisfaw il-kriterji tal-prestazzjoni stipulati fit-tabelli 5, 6 u 7.

Fejn huwa possibli, it-tisħiħ tal-metodi vvalidati internament għandu jinkludi materjal ta' referenza ċċertifikat.

(a) Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta’ analiżi għaċ-ċomb, kadmju, merkurju u landa inorganika:

*Tabella 5*

| Parametru | Kriterju | | |
|---|---|---|---|
| Applikabbiltà | Ikel speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006. | | |
| Speċifiċità | Ħieles minn matriċi jew interferenzi spettrali | | |
| Repettittività ($RSD_r$) | HORRATr inqas minn 2 | | |
| Reproduċibbilità ($RSD_R$): | HORRATR inqas minn 2 | | |
| Irkupru | Japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt D.1.2. | | |
| | Landa organika | Ċomb, kadmju, merkurju | |
| | | ML huwa < 0,100 mg/kg | ML huwa < 0,100 mg/kg |
| LOD | ≤ 5 mg/kg | ≤ wieħed minn ħamsa tal-ML | ≤ wieħed minn għaxra tal-ML |
| LOQ | ≤ 10 mg/kg | ≤ tnejn minn ħamsa tal-ML | ≤ wieħed minn ħamsa tal-ML |

(b) Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta’ analiżi għat-3-MCPD:

*Tabella 6*

| Parametru | Kriterju |
|---|---|
| Applikabbiltà | Ikel speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006. |
| Speċifiċità | Ħieles minn matriċi jew interferenzi spettrali |
| Kamp vojt | Inqas mil-LOD |
| Repettittività ($RSD_r$) | 0,66 darba tal-$RSD_R$ kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata) |
| Reproduċibbilità ($RSD_R$): | kif derivata mill-ekwazzjoni Horwitz (irranġata) |
| Irkupru | 75-110 % |
| LOD | ≤ 5 μg/kg (fuq il-bażi ta’ materja niexfa) |
| LOQ | ≤ 10 μg/kg (fuq il-bażi ta’ materja niexfa) |

(c) Kriterji tal-prestazzjoni għall-metodi ta’ analiżi għall-idrokarburi poliċikliċi aromatiċi:

L-erba’ idrokarburi poliċikliċi aromatiċi li għalihom japplikaw dawn il-kriterji huma benżo(a)piren, benż(a)antraċen, benżo(b)fluworoanten u krisen.

*Tabella 7*

| Parametru | Kriterju |
|---|---|
| Applikabbiltà | Ikel speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006. |
| Speċifiċità | Ħieles minn matriċi jew interferenzi spettrali, verifika ta’ skoperta pożittiva |
| Repettittività ($RSD_r$) | $HORRAT_r$ inqas minn 2 |
| Reproduċibbilità ($RSD_R$): | $HORRAT_R$ inqas minn 2 |

| Parametru | Kriterju |
|---|---|
| Irkupru | 50-120 % |
| LOD | ≤ 0,30 μg/kg għal kull wieħed mill-erba' sustanzi |
| LOQ | ≤ 0,90 μg/kg għal kull wieħed mill-erba' sustanzi |

(d) Noti dwar il-kriterji tal-prestazzjoni:

L-ekwazzjoni Horwitz (*) (għall-konċentrazzjonijiet $1,2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0,138$) u l-ekwazzjoni Horwitz (**) irranġata (għall-konċentrazzjonijiet $C < 1,2 \times 10^{-7}$) huma ekwazzjonijiet ta' preċiżjoni ġġeneralizzati li huma indipendenti mill-analita u l-matriċi iżda jiddependu biss fuq il-konċentrazzjoni għal ħafna mill-metodi ta' analiżi ta' rutina.

L-ekwazzjoni Horwitz irranġata għall-konċentrazzjonijiet $C < 1,2 \times 10^{-7}$:

$RSD_R = 22\ \%$

fejn:

— RSDR hija d-devjazzjoni standard relattiva kkalkulata mir-riżultati ġġenerati taħt kondizzjonijiet ta' reproduċibbilità $[(s_R / \bar{x}) \times 100]$

— C hija l-proporzjon tal-konċentrazzjoni (jiġifieri 1 = 100 g/100 g, 0,001 = 1 000 mg/kg). L-ekwazzjoni Horwitz irranġata tapplika għall-konċentrazzjonijiet $C < 1,2 \times 10^{-7}$:

L-ekwazzjoni Horwitz irranġata għall-konċentrazzjonijiet $1,2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0,138$:

$RSD_R = 2C^{(-0,15)}$

fejn:

— $RSD_R$ hija d-devjazzjoni standard relattiva kkalkulata mir-riżultati ġġenerati taħt il-kondizzjonijiet ta' reproduċibbilità $[(s_R / \bar{x}) \times 100]$

— C hija l-proporzjon tal-konċentrazzjoni (jiġifieri 1 = 100 g/100 g, 0,001 = 1 000 mg/kg). L-ekwazzjoni Horwitz irranġata tapplika għall-konċentrazzjonijiet $1,2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0,138$:

(*) W. Horwitz, L.R. Kamps, K.W. Boyer, J.Assoc.Off.Analy.Chem.,1980, 63, 1344.
(**) M. Thompson, Analyst, 2000, p. 125 u 385-386."

(9) Il-Punt C.3.3.2 huwa mibdul b'li ġej:

"C.3.3.2. Il-metodu 'adekwatezza għall-fini'

Jista' jintuża l-metodu 'adekwatezza għall-fini' (*) bħala alternattiva biex tiġi vvalutata l-konvenjenza tal-metodi vvalidati internament għall-kontroll uffiċjali. Metodi xierqa għall-kontroll uffiċjali għandhom jagħtu r-riżultati b'inċertezza ta' kejl standard maqgħuda (u) inqas mill-inċertezza ta' kejl standard massima kkalkulata bil-formula ta' hawn taħt:

$$Uf = \sqrt{(LOD/2)^2 + (\alpha C)^2}$$

fejn:

— Uf hija l-inċertezza ta' kejl standard massima (μg/kg).

— LOD huwa l-limitu ta' skoperta tal-metodu (μg/kg). L-LOD għandu jilħaq il-kriterji tal-prestazzjoni stabbiliti fil-punt C.3.3.1 għall-konċentrazzjoni tal-interess.

— C hija l-konċentrazzjoni tal-interess (μg/kg).

— α hija fattur numeriku kostanti li għandu jintuża skont il-valur ta' C. Il-valuri li għandhom jintużaw huma stabbiliti fit-Tabella 8.

*Tabella 8*

**Il-valuri numeriċi li għandhom jintużaw għal α bħala kwantità kostanti fil-formula stipulata f'dan il-punt, skont il-konċentrazzjoni tal-interess**

| C (μg/kg) | α |
|---|---|
| ≤ 50 | 0,2 |
| 51-500 | 0,18 |

| C (μg/kg) | α |
|---|---|
| 501-1 000 | 0,15 |
| 1 001-10 000 | 0,12 |
| > 10 000 | 0,1 |

L-analista għandu jieħu nota tar-'Rapport dwar ir-relazzjoni bejn riżultati analitiċi, inċertezza ta' kejl, fatturi ta' rkupru u d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE tal-ikel u l-għalf' (**).

(*) M. Thompson and R. Wood, Accred. Qual. Assur., 2006, p. 10 u 471-478.
(**) http://ec.europa.eu/food/food/chemicalsafety/contaminants/report-sampling_analysis_2004_en.pdf"

(10) Fil-punt D.1.2. "Kalkulazzjonijiet ta' rkupru", it-tieni paragrafu huwa mibdul b'li ġej:

'Fil-każ li fil-metodu analitiku ma jiġi applikat l-ebda pass ta' estrazzjoni (eżempju fil-każ tal-metalli), ir-riżultat jista' jiġi rrappurtat mhux ikkoreġut għall-irkupru jekk l-evidenza mogħtija tkun idealment bl-użu ta' materjal ta' referenza xieraq u ċċertifikat li l-konċentrazzjoni ċċertifikata li tħalli l-inċertezza ta' kejl hija miksuba (jiġifieri reqqa kbira fil-kejl), u għaldaqstant li l-metodu mhuwiex imparzjali. Fil-każ li r-riżultat jiġi rrapurtat bħala mhux ikkoreġut għall-irkupru, dan għandu jissemma.'

(11) Fil-punt D.1.3. "Inċertezza ta' kejl", it-tieni paragrafu huwa mibdul b'li ġej:

"L-analista għandu jieħu nota tar-'Rapport dwar ir-relazzjoni bejn riżultati analitiċi, inċertezza ta' kejl, fatturi ta' rkupru u d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE tal-ikel u l-għalf' (*).

(*) http://ec.europa.eu/food/food/chemicalsafety/contaminants/report-sampling_analysis_2004_en.pdf"

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 837/2011

## tad-19 ta’ Awwissu 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta’ Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta’ Awwissu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AR | 38,5 |
| | MK | 29,3 |
| | ZZ | 33,9 |
| 0707 00 05 | TR | 74,4 |
| | ZZ | 74,4 |
| 0709 90 70 | EC | 45,6 |
| | TR | 125,7 |
| | ZZ | 85,7 |
| 0805 50 10 | AR | 60,9 |
| | BR | 45,3 |
| | TR | 64,0 |
| | UY | 60,8 |
| | ZA | 79,4 |
| | ZZ | 62,1 |
| 0806 10 10 | EG | 67,8 |
| | MK | 41,0 |
| | TR | 155,5 |
| | ZZ | 88,1 |
| 0808 10 80 | AR | 85,5 |
| | BR | 43,8 |
| | CL | 112,6 |
| | CN | 64,4 |
| | NZ | 103,0 |
| | US | 209,5 |
| | ZA | 91,1 |
| | ZZ | 101,4 |
| 0808 20 50 | AR | 161,3 |
| | CL | 156,9 |
| | CN | 52,2 |
| | TR | 148,9 |
| | ZA | 116,2 |
| | ZZ | 127,1 |
| 0809 30 | TR | 125,4 |
| | ZZ | 125,4 |
| 0809 40 05 | BA | 46,2 |
| | ZZ | 46,2 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 838/2011

## tad-19 ta’ Awwissu 2011

## dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet li tressqu fl-ewwel 7 ijiem ta’ Awwissu 2011 skont il-kwota tariffarja għaċ-ċanga ta’ kwalità għolja amministrata mir-Regolament (KE) Nru 620/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta’ Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta’ kwoti ta’ tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b’sistema ta’ liċenzji ta’ importazzjoni ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 620/2009 tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Lulju 2009 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta’ kwota tariffarja tal-importazzjoni għaċ-ċanga ta’ kwalità għolja ([3]) jistipula regoli dettaljati għat-tressiq u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(2) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jipprovdi li, f’każijiet fejn il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu tal-kwota, il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni għandhom ikunu ffissati għall-kwantitajiet koperti minn kull applikazzjoni għal-liċenzja. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni li tressqu skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 620/2009 bejn l-1 u s-7 ta’ Awwissu 2011 jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, għandhom ikunu deċiżi l-estent li bih jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni u l-koeffiċjent tal-allokazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni koperti mill-kwota li ġġib in-numru tas-serje 09.4449 u li tressqu bejn l-1 u s-7 ta’ Awwissu 2011 skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 620/2009, għandhom jiġu mmultiplikati b’koeffiċjent tal-allokazzjoni ta’ 0,490234 %.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 182, 15.7.2009, p. 25.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-19 ta’ Awwissu 2011**

**li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5897)*

(2011/513/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Jannar 1997 dwar ikel ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel [1], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-28 ta’ Settembru 2009, il-kumpanija Cantox Health Science International ressqet talba f’isem il-kumpanija Enzymotec Ltd lill-awtoritajiet kompetenti fil-Finlandja biex tkun tista’ tpoġġi l-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja fis-suq bħala ingredjent ġdid tal-ikel.

(2) Fl-14 ta’ April 2010 l-istituzzjoni kompetenti għall-evalwazzjoni tal-ikel tal-Finlandja ħarġet ir-rapport inizjali ta’ valutazzjoni tagħha. F’dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li l-kumpanija Enzymotec tat biżżejjed informazzjoni biex tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja bħala ingredjent ġdid tal-ikel.

(3) Il-Kummissjoni bagħtet l-ewwel rapport ta’ valutazzjoni lill-Istati Membri kollha fil-21 ta’ April 2010.

(4) Fi żmien il-perjodu ta’ 60 jum stipulat fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tressqet oġġezzjoni motivata waħda għat-tqegħid fis-suq tal-prodott skont dik id-dispożizzjoni u din ikkonċernat il-konsum massimu ta’ kuljum. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(4), tinħtieġ Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tqis l-oġġezzjoni motivata mressqa.

(5) Il-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja tikkonforma mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(6) Il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja, kif speċifikati fl-Anness I, jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent ġdid tal-ikel għall-użi mniżżla fl-Anness II.

*Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja awtorizzata b’din id-Deċiżjoni u li trid tidher fuq it-tikketta tal-oġġetti tal-ikel għandha tkun “Fosfatidilserina tas-sojja”.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Enzymotec Ltd, P.O. Box 6, Migdal HaEmeq, 23106 l-Iżrael.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

*ANNESS I*

**Speċifikazzjonijiet tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja**

*Deskrizzjoni:*

L-ingredjent il-ġdid tal-ikel huwa trab ta' lewn abjad maħmuġ jew isfar ċar. Huwa disponibbli wkoll f'għamla likwida ta' lewn kannella jew oranġjo trasparenti. L-għamla likwida fiha t-triagliċeridi b'katina medja (MCT) bħala trasportatur. Fiha livelli iktar baxxi ta' Fosfatidilserina minħabba li tinkludi ammonti sinifikanti ta'żejt (MCT).

Il-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja tinkiseb mit-transfosfatidilazzjoni enżimatika tal-leċitinia tas-sojja b'livelli għolja ta' fosfatidilkolina mal-aċidu ammin L-serina. Il-fosfatidilserina tikkonsisti minn qafas tal-gliċerofosfat ikkonjugat b'żewġ aċidi grassi u L-serina permezz ta' rabta tal-fosfodiesteru.

*Formula Strutturali:*

R=Aċidi Grassi




| Karatteristiċi tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja | | |
|---|---|---|
| Parametru | Fl-għamla ta' trab | Fl-għamla likwida |
| Umdità | inqas minn 2 % | inqas minn 2 % |
| Fosfolipidi | mhux anqas minn 85 % | mhux anqas minn 25 % |
| Fosfatidilserina | mhux anqas minn 61 % | mhux anqas minn 20 % |
| Gliċeridi | inqas minn 2 % | mhux applikabbli |
| L-serina ħielsa | inqas minn 1 % | inqas minn 1 % |
| Tokoferoli | inqas minn 0,3 % | inqas minn 0,3 % |
| Fitosteroli | inqas minn 0,2 % | inqas minn 0,2 % |

*ANNESS II*

| Livell tal-użu (mg) tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja | |
|---|---|
| Xarbiet magħmula mill-jogurt | 50 mg/100 ml |
| Trabijiet magħmula mit-trab tal-ħalib | 3,5 g/100 g<br>(ekwivalenti għal 40 mg/100 ml tal-prodott lest għax-xorb) |
| Ikel ibbażat fuq il-jogurt | 80 mg/100 g |
| Bars taċ-ċereali | 350 mg/100 g |
| Ħelu magħmul miċ-ċikkulata | 200 mg/100 g |

Il-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-Sojja jistgħu jintużaw fl-ikel għal skopijiet medikali speċjali meta jkun konformi biss mad-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE ([1]).

([1]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT